MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CUSCHIERI NOEL LL.D.

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 353/1998/1

***Mary Rose Portelli***
***Vs***
***Mid-Med Bank Limited kif mibdul permezz ta' digriet mghoti minn din il-Qorti fis-19 ta' Jannar 2000 fl-isem HSBC Bank Malta plc.***

Illum 26 ta' Novembru 2002

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha l-attrici **ppremettiet**: illi in forza ta' Mandat ta' Qbid numru 777/97 fl-ismijiet: “Mid-Med Bank Limited vs Carmelo Chetcuti” mahrug fit-18 ta' Frar 1997 gew maqbuda diversi oggetti; illi b' digriet tat-3 ta' Ottubru 1997 il-Qorti ordnat il-bejgh b' subbasta ta' dawn l-oggetti; illi l-oggetti maqbuda huma proprjeta' tal-attrici u fil-fatt l-istess mobbli gew maqbuda mir-residenza taghha; illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet

debitament mgharrfa li dawn l-oggetti huma proprjeta' tal-attrici u ghalhekk giet mitluba sabiex twaqqaf il-proceduri tas-subbasta, hija xorta kompliet tipprocedi bil-bejgh tal-istess oggetti; **talbet -**
1. li l-oggetti maqbuda in forza tal-imsemmi Mandat ta' Qbid jigu dikjarati proprjeta' assoluta tal-attrici; u 2. li dan il-Mandat ta' Qbid jigi revokat u l-bejgh bl-irkant ta' dawn l-oggetti jigi sospiz defenittivament – bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li biha eccepiet:
1. Illi preliminarjament il-gudizzju mhuwiex integru ghaliex il-kawza kellha ssir ukoll kontra d-debitur ezekutat;
2. Illi fi kwalunkwe kaz, is-socjeta' eccepjenti kienet talbet lill-attrici sabiex tipprovdi prova li l-oggetti in kwistjoni huma proprjeta' taghha, liema prova hi naqset li ggib;
3. Illi dwar il-meritu is-socjeta' eccipjenti rremettiet ruhha ghall-gudizzju ta' din l-Qorti skond provi attwalment prodotti f' din il-kawza, salv li m' ghandhiex tbati l-ispejjez tal-proceduri odjerni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta' konvenuta u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat il-verbal tas-7 ta' Lulju 1999 li permezz tieghu s-socjeta' konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni;

Rat l-Atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:-

Illi ghalkemm l-attrici nghatat diversi opportunitajiet sabiex tressaq il-provi taghha, hija naqset li tghamel dan, nonostante li t-talba taghha kienet tigi kkontestata mis-socjeta' konvenuta.  Ghaldaqstant fin-nuqqas ta' provi da parti tal-attrici, it-talbiet taghha ma jistghux jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha.

***Noel Cuschieri***
***Imhallef***

Bruno Zahra
Deputat Registratur